MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2007

Numru. 494/2003

Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)

vs

Patrick Micallef

Il-Qorti;

Rat li l-imputat, Patrick Micallef, ta' 30 sena, iben Carmel u Maria Rosaria nee' Borg, imwieled fil-11 ta' Mejju 1977 Tal-Pieta, u joqghod 56, Flat 2, Triq San Patrizju, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 277977(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

(a) f' dawn il-Gzejjer, nhar l-1 ta' Gunju 2003, ghal habta tat-tlieta ta' filghodu gewwa l-Foot Loose Bar, ta' Triq San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi minghajr il-

hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Janie Gauci, u dan bi ksur ta' Artikoli 214, 216 u 218 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-30 ta' Gunju, 2003 (a folio 71 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) fl-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 338(dd), 17(c), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li fis-seduta tat-8 ta' Frar 2007, l-imputat iddikjara li huwa ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li sehh fl-1 ta' Gunju, 2003 ghal habta tat-3.00a.m. fil-Footloose Bar, ta' Triq San Gorg, San Giljan, fejn gew kagunati griehi ta natura gravi fil-gisem ta' Janie Gauci.

Din Janie Gauci li xehdet fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2003 qalet li fl-1 ta' Gunju 2003 hija kienet wahidha il-Footloose Bar, San Giljan, u fil-post kien hemm ukoll l-imputat akkompanjat minn siehbu Austin Zammit u minn zewg tfajliet. Din Gauci tkompli tghid li f'hin minnhom Austin Zammit offrielha *drink* u beda' jkellimha u wara xi hin kemm it-tfajliet li kienu mal-imputat kif ukoll Austin Zammit allontanaw ruhhom momentanjament sabiex b'hekk hija spiccat wahidha hdejn l-imputat. Hija ssostni li f'dan l-istadju l-imputat beda' jghidilha sabiex titlaq l'hemm u

beda joffendiha u jkellimha hazin u hija tghid li rrispondiet bl-istess mod. Gauci tispjega li madwar xahar qabel, hija kienet tohrog mal-imputat izda kienet itterminat ir-relazzjoni ta' bejniethom u qalet ukoll li fil-11 ta Mejju, 2003 hija kienet xehtet tazza birra f'wicc l-imputat wara li kienet rathu ma tfajla ohra. Dwar l-incident li jifforma l-mertu ta' din il-kawza, u cioe' dak tal-1 ta' Gunju 2003 Gauci tkompli tghid li meta rritornaw lura iz-zewg tfajliet u Austin Zammit l-imputat kompla joffendiha u Austin Zammit beda jsikktu. Hija regghet marret hdejn il-*bar*, l-imputat kien hdejha b'darhu lejha meta f'hin minnhom hija tghid li gholliet idejha bit-tazza u l-imputat li kien qed ihares lagemba, qabdilha idejha l-leminija fejn kellha t-tazza  u b'idu l-leminija taha erba daqqiet ta' ponn, tnejn taht ghajnejha x-xellugija, wahda bejn ghajnejha u l-ohra f'habbejha fejn qasmilha habbejha tan-naha tax-xellug. Gauci tghid li bid-daqqiet hija waqghet mal-art u minn mal-*bar* spiccat hdejn id-DJ. Hija tghid li marret l-Isptar fejn ghamlulha xi ponti u baghtuha d-dar u l-ghada marret taghmel rapport l-Ghassa ta' San Giljan. Hija tispjega ulterjorment li l-ghada hija bdiet thossha hazin hafna u regghet marret l-Isptar fejn sarulha xi testijiet ulterjuri minn fejn irrizulta li hija kellha *fractured skull* u hija damet rikoverata l-Isptar ghal erbat ijiem u baqghet tigi segwita sat-18 ta' Lulju 2003 stante li sa dik id-data l-*iskull* kienet ghadha m'ghalqitx.

Fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fl-4 ta' Gunju, 2003 (esebita a *folios* 19 u 20 tal-process) huwa qal li fl-1 ta' Gunju 2003, ghall-habta tan-12.30 a.m. kien il-Footloose Bar qed jiehu *drink* mat-tfajla tieghu  meta ra lil tfajla li kien johrog maghha xi ftit taz-zmien qabel li isimha ma kienx jafu izda li kienet mill-Fgura, din kienet mal-*bar* l-iehor u bdiet tersaq lejn il-*bar* fejn kien hu u bdiet tkellem lil habib tieghu Austin Zammit. Dejjem skond l-imputat, dan Zammit staqsha lil din it-tfajla l' ghala xi tlett gimghat qabel kienet tat daqqa ta' tazza lill-imputat u hija rrispondiet li jekk l-imputat ser ikompli idardarha maghha, kienet ser taghtih daqqa n-naha l-ohra. L-imputat qal li meta Austin Zammit irreferilu x'kienet qaltlu din it-tfajla huwa qallu sabiex jersqu l'hemm halli ma jkomplux ikabbru l-affariijiet. L-imputat ikompli jispjega li meta t-

tfajla tieghu giet lura t-tfajla l-ohra li kien johrog maghha precedentement kienet darha lejh mal-*bar* u hija bdiet taghtih daqqiet bil-minkeb fuq darhu. Huwa ghalhekk qalilha sabiex toqghod il-boghod minnu anki ghaliex xi gimghat qabel hija kienet tatu daqqa ta' tazza u f'dan l-istadju din it-tfajla bdiet toffendih u tghidlu li ser taghtih daqqa n-naha l-ohra. Huwa dar sabiex ikompli jitkellem mat-tfajla tieghu izda t-tfajla l-ohra kompliet iddejqu billi taghmel subghajha ma' wiccu u wara ftit minuti huwa hass daqqiet ta' tazza ma darhu u nhasel bil-birra ma darhu kollu. Huwa jghid lli ghalhekk dar u fajjar daqqa bin-naha ta' wara tal-pala t'idu go wicc din it-tfajla u ghalkemm ma ftakarx ezattament fejn laqatha deherlu li kien ghamel hekk f'ghonqha. Meta xehed quddiem il-Qorti fis-seduta tat-13 ta' April, 2003, l-imputat ikkonferma l-verzjoni tal-fatti minnu moghtija fl-istqarrija izda zied li meta hass id-daqqa ta' tazza ma daru huwa inhasad u istintivament dar mahsud lejn Jane Gauci u taha daqqa ta' ponn sabiex imbaghad hija spiccat biex waqghet mal-art. Huwa qal ukoll li peress li kien mahsud ma jiftakarx ezattament fejn laqat lil Jane Gauci.

Austin Zammit u Charmaine Gauci li xehdu fis-seduta tat-13 ta April, 2007, it-tnejn ikkoroboraw il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat dwar dak li gara fl-1 ta' Gunju 2007. Rebecca Park li wkoll xehdet fis-seduta tat-23 ta April, 2007 ikkoroborat dak li qal l-imputat dwar l-incident fejn Jane Gauci kienet wadbitlu tazza f'wiccu.

Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni rrizulta sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali li l-imputat Patrick Micallef fl-1 ta' Gunju 2003, fil-Footloose Bar, San Giljan ta daqqiet ta' ponn lil Janie Gauci u bhala konsegwenza hija sofriet griehi ta' natura gravi kif jirrizulta mix-xhieda ta' Dr. Adrian Spiteri (a *folios* 32 u 33 tal-process) u mic-certifikati medici esebiti a *folios* 17 u 18 tal-process.

Kif jirrizulta mill-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat kif esposta fi-paragrafi precedenti l-imputat m'huwiex qed jikkontesta li huwa ta daqqa lil Janie Gauci u li hija bhala konsegwenza sofriet griehi ta' natura gravi. Huwa izda qed jghid li l-agir tieghu huwa skuzabbli *ai termini* tal-

Artikoli 230(d) u 227 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta stante li huwa agixxa b'dak il-mod peress li li kien provokat minn Janie Gauci.

Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa il-provi kollha mressqa kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza jidrilha li l-offiza volontarja kagunata fuq il-persuna ta' Janie Gauci mill-imputat m'hijex skuzabbli *ai termini* tal-Artikoli 230 (d) u dan ghaliex ma jistghax jinghad li l-imputat agixxa b'dak il-mod ghaliex kien hemm il-bzonn attwali tad-difiza legittima. Il-fatt li xi gimghat qabel Janie Gauci kienet laqtitu f'wiccu u kkaguntatlu griehi ta' natura hafifa f'wiccu, u l-fatt li dakinhar li sehh l-incident mertu tal-kawza hija kienet qed tiprovokah bi kliem u forsi anki billi ddejqu billi taghtih daqqiet ta' minkeb f'daru u daqqa ta' tazza f'darhu ma jfissirx li kienet mehtiega d-difiza legittima *ai termini* tal-Artikolu 223 tal-Kap. 9. Jista' jkun li Janie Gauci kienet qed iddejjaq lill-imputat bl-agir taghha u bi kliemha izda certament huwa ma kienx gustifikat li jfajrilha daqqiet ta' ponn f'wiccha u jwaqqaha mal-art. Irid jigi rilevat li *a tempo vergine*, u cioe' meta huwa rrilaxxja l-istqarrija, l-imputat qatt ma semma li kien mahsud jew li hassu mbezza' izda qal biss li meta hass daqqa ta' tazza ma' darhu u nhasel bil-birra huwa dar u fajjar daqqa ta' ponn f'wicc Janie Gauci.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat sal-grad rikjest mill-ligi. In kwantu jirigwarda l-griehi sofferti mill-vittma Janie Gauci mill-provi rrizulta biss li dawn jaqghu taht dak li jipprovdi l-Artikolu 216 tal-Kap. 9 u mhux taht dak li jipprovdu l-Artikoli 217 u 218.

Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-fedina penali tal-imputat (esebita a *folio* 5 tal-process) hija wahda kwazi netta salv ghal xi kontravenzjonijiet li taghhom huwa nstab hati u anki l-fatt li huwa agixxa bil-mod imsemmi aktar il' fuq ghaliex gie provokat mill-vittma, ghalkemm kif inghad ukoll aktar il-fuq tali provokazzjoni ma tistghax tiqies li kienet tirrendi l-agir tal-imputat skuzabbli *ai termini* tal-Artikolu 230(d), u jidrilha li m'huwiex il-kaz li tigi imposta piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-30 ta' Gunju 2003 u b'mod partikolari l-Artikoli 214, 215, 216, 338(dd), 17 u 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah prigunerija ta' tmien (8) xhur sospizi ghal sentejn mill-llum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabilita' tieghu skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------